GĦASRI

**Kunsill Lokali Ghasri**
**6 Triq Dun Karm Caruana, Għasri, Għawdex.**
**(Tel. No. 21558686 - Fax No. 21558655)**

*Ref. Nru. VI/19*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 19 tal-Kunsill Lokali Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar il-Hamis, 21 ta' Novembru 2009 fis-6.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

Is-Sur Emmanuel Mintoff (Vici Sindku)
Is-Sur Frank Formosa
Is-Sinj. Renance Vella Aquilina
Is-Sur Joseph Farrugia

## I. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju qal it-talba.

## II. Minuti

### 1. Approvazzjoni

Quddiem il-Kunsill tressqu l-Minuti ta' l-aħħar Seduta Nru. 18. Peress li l-minuti kienu tqassmu qabel il-laqgħa, dawn ġew meħuda bħala moqrija.

### 2. Emendi

Għal dawn il-minuti ma tressqux proposti għal emendi. Għalhekk dawn ġew meħuda bħala korretti kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju.

## III. Materji mill-Minuti

### 1. Rimi Llegali Ħdejn Wied il-Għasri

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-iskart kollu li kien intrema fl-egħlieqi ħdejn il-bajja ta' Wied il-Għasri kien tneħħa kollu. Hu qal li hu kien f'kuntatti kontinwi mal-Ministeru għal Għawdex biex dan ix-xogħol isir fl-iqsar żmien u l-area terġa' tiġi għall-istat li kienet qabel.

### 2. Ħaddiema tal-IPSL

Fil-preżent qed jintbagħtu tlett ħaddiema minn tal-IPSL biex jagħmlu xogħol f'din il-lokalita. Huma qed ikomplu jibnu l-ħitan tas-sejjieħ fi Triq Wied Sara.

### 3. Proġett ta' Rikostruzzjoni tal-Pjazza

Ix-xogħol fuq dan il-proġett bħalissa għaddej b'ritmu mgħaġġel. Fil-fatt, din il-ġimgħa ngħatat kisja finali l-pjazza kollha kif ukoll Triq Dun Karm Caruana.

Il-Kunsill kien mgħarraf ukoll li l-madum li jrid jitqiegħed għall-bankini issa wasal u probabli li jinbeda l-ġimgħa d-dieħla.
Il-proġett kollu tal-pjazza hu ppjanat li jkun lest sa l-aħħar tas-sena u dan għaliex it-traffiku li jgħaddi mill-Għasri, issa se jiżdied minħabba x-xogħlijiet li ghandhom isiru fuq ir-rikostruzzjoni ta' Triq Ta' Pinu.
Is-Sindku qal li hu kellu laqgħa mal-Ministru għal Għawdex fuq xi problemi li jistgħu jinħolqu fil-lokalita tagħna minħabba dan it-traffiku. Kien għalhekk ġie konkluż li jinżebgħu sinjali sofor tul dawk il-partijiet fit-toroq fejn dawn huma dojoq ħafna u dan speċjalment fi Triq Għammar.
Fil-laqgħat mal-Ministeru għal Għawdex u mal-kuntrattur konċernat, is-Sindku kien insista li x-xogħol tal-pjazza u Triq Dun Karm Caruana kellu jitlesta qabel ma jinbeda l-proġett ta' Triq Ta' Pinu.
Is-Sindku kien għamel enfasi ukoll illi issa li sa jinbeda x-xogħol fi Triq Ta' Pinu, għandu jitħejja program sħiħ biex ix-xogħol ma jittardjax u li dan żgur għandu jitlesta qabel is-sajf u l-aktar qabel il-festa ta' dan il-lokal. Is-Sindku qal ukoll li fit-taħdidiet li hu kellu kien ġie aċċettat ukoll li ssir bankina minn Triq Għammar sa ħdejn il-Knisja Ta' Pinu.
Minn naħa tiegħu l-kuntrattur assigura li x-xogħol se jsir fl-iqsar żmien possibbli u li se jitwaħħlu sinjali tat-traffiku li juru direzzjoni lejn Ta' Pinu.
Il-Kunsill kien ikkuntattja lill-uffiċċju tal-Wardens biex dawn ma jaqbdux jagħtu taħrikiet tat-traffiku fuq is-sinjali sofor fi Triq Għammar bl-addoċċ, iżda jikkunsidraw ukoll il-bżonnijiet tar-residenti tal-post.

**IV. Korrispondenza**

i. Memo 65/2009 li tirrigwarda l-miżuri ġodda li daħlu fis-seħħ fil-1 ta' Novembru 2009 permezz ta' Avviż Legali Nru. 278/2009

ii. Memo 68/2009 li jittratta dwar il-ħinijiet tal-laqgħat tal-Kunsilli Lokali.

iii. Notifika ta' avviż ta' waqfien li nħareġ mill-MEPA għal żvilupp li kien qed isir mingħajr il-permessi meħtieġa fi Triq Wied Sara.

iv. Ittra mill-MEPA dwar l-importanza tal-ħarsien tal-gallariji tal-injam u fuq iż-żamma ta'laqgħat għall-pubbliku biex ikun enfasiżżat dan is-suġġett.

v. Notifika ta' laqgħa tal-Joint Committee for Law enforcement li se tinżamm nhar il-Ġimgħa 30 ta' Novembru 2009 fil-4,00p.m. fl-NGO Centre, Xewkija.

vi. Programm tal-Laqgħa tas-Sindki li nżammet fis- 6 u 7 ta' Novembru 2009 u li għaliha attenda l-Viċi Sindku.

vii. Is-Segretarju Parlamentar Dr Chris Said, bagħat lista ta miżuri relataati mal-operat tal-Kunsilli Lokali u li tħabbru fid-diskors tal-Budget.

viii. L-AKL bagħtet tinforma lill-Kunsilli Lokali li kienu qed jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-parteċipazzjoni fi proġett tal- EU taħt il-Youth Programme fejn żgħażagħ qed jiġu mistiedna japplikaw biex jieħdu sehem f'attivita li se ssir f'Ragusa.

**V. Mozzjonijiet**

**1. Għażla ta' l-Offerti**

F'din is-sejħa għall-offerti, l-Kunsill kien ippublika 4 offerti u li dawn huma hekk :
i) Kuntratt ta' Servizz ta' Bulky Refuse.
ii) Kuntratt għal Servizz ta' Street Sweeping & Cleaning.
iii) Kuntratt għal Attendenza u Tindif tal-Public Toilets.

iv) Għoti ta' Servizzi lill-Kunsill.

Ghall-kuntratt ta' tindif tat-toroq intefgħu żewġ offerti. Dawn kienu minn Bugeja Bros (Gozo) u l-oħra minn Godfrey Borg. L-offerta ta' Bugeja Bros kienet tammonta għal €10830,46, filwaqt li ta' Godfrey Borg kienet ta' €11926,00.
Dawn il-prezzijiet huma fuq servizz annwali.
Il-Kunsill innota li l-offerta ta' Bugeja Bros ma kienx hemm permessi tal-Mepa u tal-WasteServ mehmuza filwaqt li ta' Borg kien fiha l-permessi kollha neċessarji.
Il-Kunsill qabel li fuq hekk nitolbu struzzjonijiet ħalli d-deċiżjoni tkun legali.

Rigward l-offerti għall-Public Toilets kien hemm ukoll żewġ offerti li kienu waħda minn Bugeja Bros u l-oħra minn Maria Attard.
Dik ta' Bugeja Bros kienet tammonta għal €2288,00 u ta' Maria Attard kienet ta' €2628,00 fis-sena. Kien innotat li Bugeja Bros fl-offerta tagħhom niżżlu kundizzjoni li jekk ma jieħdux l-offerta tal-knis tat-toroq, huma ma kienux se jaħdmu l-offerta tat-Toilets jekk tagħhom tkun l-irħas. Il-Kunsill ħass li għandu jieħu parir fuq din il-kundizzjoni jekk tistax titqiegħed fl-offerta.
L-offerta ta' Servizz ta' Bulky Refuse intefgħu żewġ offerti. Dawn kienu waħda minn Bugeja Bros u l-oħra ta' Godfrey Borg. Ta' Bugeja Bros qed jikkwotaw il-prezz għal kull servizz ta' €7.43 filwaqt li Borg qed jitlob €8,15.
Kien innotat li f'din l-offerta wkoll filwaqt li Borg hemeż kopja tal-permessi kollha, f'ta' Bugeja ma kienux imdaħħla. Għalhekk Bugeja għandu jintalab jippreżenta dawn il-permessi meħtieġa skond il-liġi.
L-aħħar offerta kienet għal għoti ta' Servizzi lill-Kunsill. Intefgħu tlett offerti u li dawn huma minn Bugeja Bros., l-oħra minn A & E Mintoff Co. Ltd. u oħra minn Joe Grima.
L-offerta ta' Bugeja kienet tikkwota l-prezz ta' €6.64 kull siegħa. Ta' A & E Mintoff ikkwotat il-prezz ta' €3.14 kull siegħa u Joe Grima ikkwota l-prezz ta' €9,50 kull siegħa. Għalhekk, peress li fuq din l-aħħar offerta l-prezzjijiet u kundizzjonijiet kienu ċari, l-Kunsill iddeċieda li jagħżel dik l-offerta ta' A & E Mintoff.
Dan il-kuntrattur li ntagħżel, fl-offerta tiegħu qed jgħid li hu lest li joffri makkinarju u servizzi ta' urġenza kull meta mitlub. Fid-dokumenti ppreżentati minn Joe Grima kien mehmuż speċi ta' ktejjeb fuq ix-xogħol li hu jista' jwettaq.

**2. Attivitajiet tal-Milied**

Bħala attivitajiet għall-pubbliku se jinżammu tliet attivitajiet. Waħda se tkun għal kulħadd, oħra għat-tfal u l-oħra għall-anzjani. Għal tat-tfal se jinġab persuna li tipprovdi xi logħob u magic għall-gosti tat-tfal filwaqt li jkun servut xi ikel.
Għas-serata għal kulħad qed ikunu ppreparati xi tejatrini u dawn se jerġgħu jkunu ppreżentati fl-attivita għall-anzjani fejn fis-serata għal dawn se jkun servut xi ikel.
Fl-istess waqt il-Kunsill qabel li jintrama t-tiżjin fit-toroq għal żmien il-Milied.

**VI Materji Ohra**

**1. Parteċipazzjoni f'Kampanja ta' Tindif**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu kien avviċinat mill-Kap tal-iskola Sekondarja tas-Subien fir-Rabat fejn dan il-Kunsill ġie mistieden jieħu sehem f'kampanja ta' tindif f'din il-lokalita li kellha tkun organiżżata mill-istudenti li jattendu dik l-iskola.

Il-Kunsill qabel li lil dawn l-istudenti għandna ninkoraġġuhom u ngħinuhom b'kull mod. Bħala parti mill-għajnuna għandna noffru li jekk ma jkollhomx transport dan ikun provdut mill-Kunsill. Fl-istess waqt, jekk jinħass il-bżonn, nagħtuhom ukoll boroż, ingwanti u materjal ieħor li jista' jkollhom bżonn.

**2. Żjara ta' Studenti mill-Awstrija**

Il-Kunsill fil-preżent qed jaħdem ħafna flimkien mas-Sinjura Gudrun Moggach li hi mill-Awstrija u tkun residenti għal perijodi fostna, sabiex norgaiżżaw program ta'ġimgħa biex 20 student u 2 għalliema mill-Awstrija jiġu hawn għal ġimgħa fi program ta' tagħlim ta' l-Ingliż. Il-preparazzjonijiet kollha jinsabu lesti u qed ikunu mħejjija dawk l-attivitajiet li dawn l-istudenti jkunu jistgħu jwettqu flimkien ma' studenti mil-lokalita tagħna. Din iż-żjara se ssir fit-tieni jew it-tielet ġimgħa ta' Ġunju li ġej.

**3. Kostruzzjoni ta' Bankini**

Is-Sindku ressaq għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill, il-kostruzzjoni ta' bankina ġdida quddiem propjeta fi Triq il-Fanal. Din il-bankina ġiet aċċettata li ssir. Flimkien ma' din, għad fadal ssir oħra quddiem propjeta tal-familja Mercieca fi Triq il-Fanal.

**4. Tiswija Ħdejn il-Knisja**

Is-Sur Frank Formosa ppropona li ssir tiswija fil-passaġġ li hemm fil-ġenb tal-Knisja fuq wara maġenb l-istatwa tal-Madonna. Din il-parti ghandna naraw jekk tistax tissewwa u jekk hux aħjar illi ssir bit-Tarmak.

**VII. Hlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill.
L-iskeda kif ipprezentata giet accettata mill-Kunsill.
Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemez mal-minuti.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar l-Erbgħa, 23 ta' Diċembru 2009 fis-6.30p.m.

Il-laqgha tal-lum intemmet fit-8.00p.m.

| | |
|---|---|
| Andrew Vella | Joe Camilleri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data : ________________